C/2024/5753

17.10.2024

P9_TA(2024)0019

Il-merkurju: l-amalgama dentali u prodotti oħra miżjudin bil-merkurju soġġetti għal restrizzjonijiet fuq ilmanifattura, l-importazzjoni u l-esportazzjoni

Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fis-17 ta' Jannar 2024 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2017/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 dwar il-merkurju fir-rigward tal-amalgama dentali u prodotti oħra miżjudin bil-merkurju soġġetti għal restrizzjonijiet fuq il-manifattura, l-importazzjoni u l-esportazzjoni (COM(2023)0395 – C9-0309/2023 – 2023/0272(COD)) [1]

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

(C/2024/5753)

Emenda 1

Proposta għal regolament

Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) Il-merkurju huwa sustanza kimika ta' thassib globali għall-ambjent, minħabba t-trasport atmosferiku fuq distanza twila tiegħu, il-persistenza tiegħu wara l-introduzzjoni antropoġenika tiegħu fl-ambjent u l-ħila tiegħu li jakkumula fl-ekosistemi. Il-merkurju għandu wkoll effetti negattivi sinifikanti fuq is-saħħa tal-bniedem u jgħaddi mill-ommijiet lit-tfal permezz tal-plaċenta jew permezz tat-treddigħ. It-tniġġis tal-ambjent bil-merkurju jista' jirriżulta minn attivitajiet antropoġeniċi, inkluż ġestjoni insuffiċjenti tal-iskart tal-merkurju, il-kremazzjoni jew implimentazzjoni mhux korretta tas-separaturi obbligatorji fil-kliniċi dentali.

Emenda 2

Proposta għal regolament

Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Meta titqies id-disponibbiltà ta' alternattivi ħielsa mill-merkurju, huwa xieraq li jiġi pprojbit l-użu tal-amalgama dentali għat-trattament dentali tal-membri kollha tal-popolazzjoni, filwaqt li tinżamm il-possibbiltà li tintuża l-amalgama dentali għal pazjenti bi bżonnijiet mediċi speċifiċi. Sabiex jiġi evitat li l-amalgama dentali, li hija pprojbita fis-suq tal-Unjoni, tiġi manifatturata għall-esportazzjoni mill-Unjoni, huwa meħtieġ li jiġu pprojbiti l-manifattura u l-esportazzjoni tal-amalgama dentali. Għalhekk, jenħtieġ li l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2017/852 jiġi emendat skont dan.	(4) Meta titqies id-disponibbiltà ta' alternattivi ħielsa mill-merkurju, ***l-affordabbiltà ta' materjali alternattivi u t-tranżizzjoni attwali għal mili dentali ħielsa mill-merkurju f'ħafna Stati Membri,*** huwa xieraq li jiġi pprojbit l-użu tal-amalgama dentali għat-trattament dentali tal-membri kollha tal-popolazzjoni, filwaqt li tinżamm il-possibbiltà li tintuża l-amalgama dentali għal pazjenti bi bżonnijiet mediċi speċifiċi***. It-tranżizzjoni għal alternattivi ħielsa mill-merkurju għall-mili dentali diġà avvanzat f'ħafna Stati Membri, u b'hekk enfasizzat il-fattibbiltà u l-ħtieġa ta' dik il-projbizzjoni bħala mod kosteffettiv kif***

[1] Il-każ ġie mgħoddi lura għan-negozjati interistituzzjonali lill-kumitat responsabbli, skont l-Artikolu 59(4), ir-raba' subparagrafu (A9-0002/2024).

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	jiġi prevenut aktar tniġġis tal-merkurju. Sabiex jiġi evitat li l-amalgama dentali, li hija pprojbita fis-suq tal-Unjoni, tiġi manifatturata għall-esportazzjoni mill-Unjoni, huwa meħtieġ li jiġu pprojbiti l-manifattura u l-esportazzjoni tal-amalgama dentali. Għalhekk, jenħtieġ li l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2017/852 jiġi emendat skont dan.

Emenda 3

Proposta għal regolament

Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) Il-krematorji huma sors sinifikanti ta' rilaxx ta' merkurju fl-atmosfera u anke bi tnaħħija gradwali tal-amalgama dentali, il-krematorji se jkomplu jikkontribwixxu għat-tniġġis tal-merkurju fl-arja, fl-ilma u fil-ħamrija. Jeħtieġ li tingħabar informazzjoni dwar il-miżuri implimentati fl-Istati Membri, u li jiġu żviluppati linji gwida għall-krematorji, sabiex tinkiseb prevenzjoni xierqa tat-tniġġis u jittaffa l-impatt fuq l-ambjent u s-saħħa tal-bniedem.

Emenda 16

Proposta għal regolament

Premessa 4b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4b) Biex jiġi limitat l-impatt soċjoekonomiku ta' qlib għal mili ħieles mill-merkurju fuq il-kostijiet tal-kura dentali għall-pazjenti u għad-dentisti, l-Istati Membri jenħtieġ li jagħmlu sforz biex jiżguraw li jsir disponibbli rimborż xieraq għal alternattivi ħielsa mill-merkurju. It-tnaħħija gradwali tal-amalgama dentali jenħtieġ li, meta jkun xieraq, tkun akkumpanjata minn taħriġ professjonali għad-dentisti bil-għan li jaġġustaw għal tekniki ġodda.

Emenda 4

Proposta għal regolament

Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) L-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([44])jipprojbixxi t-tqegħid fis-suq tal-Unjoni u l-importazzjoni fl-Unjoni ta' ċertu tagħmir elettriku u elettroniku li fih il-merkurju. L-Anness III ta' dik id-Direttiva jelenka, fost affarijiet oħrajn, ċerti lampi miżjudin bil-merkurju eżentati mill-projbizzjoni msemmija sad-dati speċifikati fih. Dik l-eżenzjoni diġà skadiet fit-13 ta' April 2016 għal lampi mhux lineari tal-alofosfati, ***u se tiskadi*** fl-24 ta' Frar 2023 ***jew fl-24 ta' Frar 2027*** għal ċerti lampi fluworexxenti kompatti, lampi fluworexxenti lineari ***u lampi*** tas-sodju (gass) taħt pressjoni għolja għal skopijiet ta' tidwil ġenerali, kif ukoll għal lampi ***fluworexxenti mhux lineari trifosforiċi***. Barra minn hekk, ċerti lampi fluworexxenti lineari għal skopijiet ta' tidwil ġenerali huma elenkati għal projbizzjoni futura fid-Deċiżjoni MC-4/3 adottata fir-raba' laqgħa, li saret mill-21 sal-25 ta' Marzu 2022, tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju ([45]). Dik id-Deċiżjoni kienet appoġġata mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/549 ([46]). Peress li xi whud minn dawk il-lampi bħalissa ma humiex koperti mill-Parti A tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2017/852, jenħtieġ li, għal raġunijiet ta' koerenza, jiġu inklużi fih biex tiġi pprojbita l-manifattura u l-esportazzjoni tagħhom mid-dati ***f'konformità mal-Anness*** III tad-Direttiva 2011/65/UE u l-aktar dati ambizzjużi inklużi fid-Deċiżjoni MC-4/3.	(5) L-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([44])jipprojbixxi t-tqegħid fis-suq tal-Unjoni u l-importazzjoni fl-Unjoni ta' ċertu tagħmir elettriku u elettroniku li fih il-merkurju. L-Anness III ta' dik id-Direttiva jelenka, fost affarijiet oħrajn, ċerti lampi miżjudin bil-merkurju eżentati mill-projbizzjoni msemmija sad-dati speċifikati fih. Dik l-eżenzjoni diġà skadiet fit-13 ta' April 2016 għal lampi mhux lineari tal-alofosfati, fl-24 ta' Frar 2023 għal ċerti lampi fluworexxenti kompatti, ***u fl-24 ta' Awwissu 2023 għal*** lampi fluworexxenti lineari ***għal skopijiet ta' tidwil ġenerali. Għal lampi fluworexxenti trifosforiċi mhux lineari, l-eżenzjoni tiskadi fl-24 ta' Frar 2025. L-eżenzjoni għall-biċċa l-kbira tal-lampi*** tas-sodju (gass) taħt pressjoni għolja għal skopijiet ta' tidwil ġenerali ***b'indiċi tal-kulur imtejjeb skadiet fl-24 ta' Frar 2023***, ***filwaqt li għal dawk li jifdal*** kif ukoll għal lampi ***tas-sodju (gass) taħt pressjoni għolja għal skopijiet ta' tidwil ġenerali oħra, l-eżenzjoni se tiskadi fl-24 ta' Frar 2025***. Barra minn hekk, ċerti lampi fluworexxenti lineari għal skopijiet ta' tidwil ġenerali huma elenkati għal projbizzjoni futura fid-Deċiżjoni MC-4/3 adottata fir-raba' laqgħa, li saret mill-21 sal-25 ta' Marzu 2022, tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju ([45]). Dik id-Deċiżjoni kienet appoġġata mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/549 ([46]). Peress li ***huwa xieraq li tkun projbita mill-aktar fis possibbli l-esportazzjoni mill-Unjoni tal-lampi miżjudin bil-merkurju li fadal, u li*** xi whud minn dawk il-lampi bħalissa ma humiex koperti mill-Parti A tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2017/852, jenħtieġ li, għal raġunijiet ta' koerenza, jiġu inklużi fih biex tiġi pprojbita l-manifattura u l-esportazzjoni tagħhom mid-dati ***speċifikati fl-Anness*** III tad-Direttiva 2011/65/UE u l-aktar dati ambizzjużi inklużi fid-Deċiżjoni MC-4/3. ***Barra minn hekk, jistgħu jinkisbu kobenefiċċji sinifikanti bit-tneħħija gradwali tal-esportazzjoni ta' lampi miżjudin bil-merkurju mill-aktar fis possibbli, peress li l-alternattivi mingħajr merkurju huma aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija u għalhekk jipprevjenu r-rilaxx ta' tunnellati ta' emissjonijiet ta' CO_2.***
([44]) Id-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi perikoluż fit-tagħmir elettriku u elettroniku (ĠU L 174, 1.7.2011).	([44]) Id-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi perikoluż fit-tagħmir elettriku u elettroniku (ĠU L 174, 1.7.2011).
([45]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/549 tas-17 ta' Marzu 2022 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fit-tieni segment tar-raba' laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju fir-rigward tal-adozzjoni ta' Deċiżjoni li temenda l-Annessi A u B ta' dik il-Konvenzjoni (ĠU L 107, 6.4.2022, p. 78).	([45]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/549 tas-17 ta' Marzu 2022 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fit-tieni segment tar-raba' laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju fir-rigward tal-adozzjoni ta' Deċiżjoni li temenda l-Annessi A u B ta' dik il-Konvenzjoni (ĠU L 107, 6.4.2022, p. 78).

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
([46]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/549 tas-17 ta' Marzu 2022 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fit-tieni segment tar-raba' laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Minamata	([46]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/549 tas-17 ta' Marzu 2022 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fit-tieni segment tar-raba' laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Minamata ***dwar il-Merkurju fir-rigward tal-adozzjoni ta' Deċiżjoni li temenda l-Annessi A u B ta' dik il-Konvenzjoni (ĠU L 107, 6.4.2022, p. 78).***

Emenda 5

Proposta għal regolament

Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) Fid-dawl tal-effetti detrimentali tal-merkurju u tal-komposti tal-merkurju fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, l-esponiment u l-emissjonijiet jenħtieġ li jkomplu jiġu minimizzati kemm jista' jkun. Rapporti reċenti juru li kumpaniji Ewropej qed jimmanifatturaw u jesportaw komposti tal-merkurju li jintużaw għal użi mhux permessi, b'mod partikolari fil-kożmetiċi. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrapporta dwar l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-Konvenzjoni ta' Minamata, b'mod partikolari fir-rigward tal-użu tal-merkurju u tal-komposti tal-merkurju fil-kożmetiċi u fir-rigward tal-manifattura, l-importazzjoni u l-esportazzjoni tal-merkurju u tal-komposti tal-merkurju għal użi mhux permessi. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta aktar l-użi li jifdal tal-merkurju, pereżempju fil-porosimetrija, il-fanali tal-portijiet u l-vaċċini, kif ukoll il-ħtieġa li tiġi emendata l-lista ta' sorsi kbar ta' skart, u, meta jkun xieraq, tissuġġerixxi miżuri biex dawn l-użi jitneħħew gradwalment u jiġu rregolati l-manifattura, l-importazzjoni u l-esportazzjoni għal tali finijiet.

Emenda 6

Proposta għal regolament

Premessa 5b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5b) Meta jitqies in-nuqqas ta' sistemi xierqa għall-ġbir ta' prodotti miżjudin bil-merkurju fi skart mhux elettroniku u elettroniku, qed ikompli jkun hemm emissjonijiet sekondarji tal-merkurju minn landfills u inċineraturi tal-iskart, li jindika l-ħtieġa li tali prodotti jinġabru separatament u b'mod li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent.

Emenda 7

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt a

Regolament (UE) 2017/852

Artikolu 10 – paragrafu 2a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2a. Mill-1 ta' Jannar 2025, l-amalgama dentali ma għandhiex tintuża għat-trattament dentali ta' kwalunkwe membru tal-popolazzjoni, ħlief meta titqies strettament meħtieġa mill-prattikant dentali abbażi tal-ħtiġijiet mediċi speċifiċi tal-pazjent.;	2a. Mill-1 ta' Jannar 2025, l-amalgama dentali ma għandhiex tintuża għat-trattament dentali ta' kwalunkwe membru tal-popolazzjoni, ħlief meta titqies strettament meħtieġa mill-prattikant dentali abbażi tal-ħtiġijiet mediċi speċifiċi tal-pazjent ***debitament iġġustifikati***.;

Emenda 8

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)

Regolament (UE) 2017/852

Artikolu 11 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) Fl-Artikolu 11, jiżdied il-paragrafu li ġej: ***"Il-prodotti miżjudin bil-merkurju li jkunu għadhom fiċ-ċirkolazzjoni u li ma jkunux jistgħu jibqgħu jintużaw għandhom jitqiesu bħala skart u għandhom jinġabru separatament u b'mod li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent."***

Emenda 9

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1b (ġdid)

Regolament (UE) 2017/852

Artikolu 18 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1b) Fl-Artikolu 18, jiżdied il-paragrafu li ġej: ***"3a. Sat-30 ta' Ġunju 2024, u kull sentejn wara dan, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni dwar miżuri ppjanati u implimentati biex jitnaqqsu l-emissjonijiet u r-rilaxxi tal-merkurju mill-krematorji.***

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli għall-pubbliku d-data dwar il-miżuri rappurtati mill-Istati Membri f'konformità mal-ewwel subparagrafu disponibbli pubblikament."

Emenda 10

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1c (ġdid)

Regolament (UE) 2017/852

Artikolu 19 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1c) Fl-Artikolu 19, jiddaħħal il-paragrafu li ġej: ***"1a. Sal-31 ta' Diċembru 2025, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet u r-rilaxxi tal-merkurju mill-krematorji abbażi tar-rappurtar imsemmi fl-Artikolu 18(3a) u, meta jkun xieraq, tabbozza linji gwida dwar it-teknoloġiji ta' tnaqqis għall-kontroll u t-tnaqqis tal-emissjonijiet u r-rilaxxi tal-merkurju mill-krematorji, filwaqt li jitqiesu l-linji gwida eżistenti."***

Emenda 11

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1d (ġdid)

Regolament (UE) 2017/852

Artikolu 19 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1d) Fl-Artikolu 19, jiddaħħal il-paragrafu li ġej: ***"2a. Sat-30 ta' Ġunju 2026, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jivvaluta l-fattibbiltà tal-irtirar tal-eżenzjonijiet għall-użu tal-amalgama dentali, imsemmija fl-Artikolu 10, sal-2030. Dak ir-rapport għandu jiddeskrivi wkoll l-impatt fuq is-saħħa tal-pazjenti b'mod ġenerali u tal-pazjenti dipendenti fuq il-mili tas-snien b'amalgami.***

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-Kummissjoni għandha, meta jkun xieraq, tipproponi miżuri, flimkien mar-rapport tagħha msemmi fl-ewwel subparagrafu.
	Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2026, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar:
	(a) l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-Konvenzjoni inkluż fir-rigward tat-tneħħija gradwali tal-merkurju fil-kożmetiċi sal-2025 mill-Partijiet tal-Konvenzjoni u l-kontroll u l-eliminazzjoni tal-manifattura, l-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' komposti tal-merkurju għal prattiki illegali fl-Unjoni u globalment;
	(b) il-ħtieġa li jiġu eliminati gradwalment l-użi li jifdal tal-merkurju, bħal fil-fanali u l-porosimetrija;
	(c) il-ħtieġa li tiġi estiża l-lista tas-sorsi ta' skart tal-merkurju msemmija fl-Artikolu 11.
	Flimkien mar-rapport tagħha msemmi fit-tielet subparagrafu ta' dan il-paragrafu, il-Kummissjoni għandha, meta jkun xieraq, tipproponi miżuri, bħal rieżami tar-Regolament (UE) Nru 649/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* [1a]*u restrizzjonijiet fuq l-esportazzjonijiet tal-klorur ażanur tal-merkurju(HgNH2Cl).
	[1a] Ir-Regolament (UE) Nru 649/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikoluż (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 60)."

Emenda 12

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1e (ġdid)

Regolament (UE) 2017/852

Artikolu 19 – paragrafu 3

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(1e) Fl-Artikolu 19, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:
3. Il-Kummissjoni għandha, jekk ikun xieraq, tippreżenta proposta leġislattiva flimkien mar-rapporti tagħha msemmija ***fil-paragrafi 1 u 2***.	"3. Il-Kummissjoni għandha, jekk ikun xieraq, tippreżenta proposta leġislattiva flimkien mar-rapporti tagħha msemmija ***f'dan l-Artikolu***.***"***

Emenda 13

Proposta għal regolament

Anness – paragrafu 1 – punt 2

Regolament (UE) 2017/852

Anness II – parti A – entrata 4a

Test propost mill-Kummissjoni	
"4a. Lampi trifosforiċi għal skopijiet ta' tidwil ġenerali li mhumiex inklużi fl-entrata 4, il-punt (a).	***31.12.2027***
Emenda	
"4a. Lampi trifosforiċi għal skopijiet ta' tidwil ġenerali li mhumiex inklużi fl-entrata 4, il-punt (a).	***31.12.2025***

Emenda 14

Proposta għal regolament

Anness – paragrafu 1 – punt 2

Regolament (UE) 2017/852

Anness II – parti A – entrata 4c

Test propost mill-Kummissjoni	
4c. Lampi mhux lineari trifosforiċi.	***31.12.2027***
Emenda	
4c. Lampi mhux lineari trifosforiċi.	***31.12.2025***

Emenda 15

Proposta għal regolament

Anness – paragrafu 1 – punt 3

Regolament (UE) 2017/852

Anness II – parti A – entrata 5a

Test propost mill-Kummissjoni	
5a. Lampi tal-merkurju u tas-sodju (gass) taħt pressjoni għolja (HPS) għal skopijiet ta' tidwil ġenerali	31.12.2025

		Emenda
5a.	Lampi tal-merkurju u tas-sodju (gass) taħt pressjoni għolja (HPS) għal skopijiet ta' tidwil ġenerali ***li għandhom:*** (a) ***P ≤ 105 W b'aktar minn 16 mg Hg;*** (b) ***105 W < P ≤ 155 W b'aktar minn 20 mg Hg;*** (c) ***P > 155 W b'aktar minn 25 mg Hg.***	31.12.2025